MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' April, 2024

Appell Inferjuri Numru 199/2019 LM

**Clint Zammit (K.I. nru. 324583M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Keith Carabott (K.I. nru. 394378M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Keith Carabott (K.I. nru. 394378M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fis-6 ta' Frar, 2023, fejn l-Ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut fir-risposta tiegħu u ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet safejn mhux kompatibbli mad-deċiżjoni tagħha, filwaqt li laqgħet it-talba tal-attur **Clint Zammit (K.I. nru. 324583M)**

b'mod limitat, u kkundannat lill-konvenut iħallas is-somma ta' sebat elef, mitejn u ħamsin Euro (€7,250), bl-imgħax b'effett mill-1 ta' April, 2019. Il-konvenut ġie kkundannat ukoll iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**<u>Fatti</u>**

2. L-attur fetaħ proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, fejn talab li l-konvenut ġie ordnat iħallsu s-somma ta' disat elef Euro (€9,000) flimkien mal-imgħax legali, rappreżentanti l-valur ta' xogħlijiet ta' mogħdija ta' elettriku, drenaġġ, kisi, xogħol ta' *gypsum,* u xogħol ieħor anċillari fil-fond numru 180, Ċensu tal-Kafè, Triq Santa Luċija, il-Belt Valletta, għal liema xogħol l-attur kien għadu ma tħallasx.

3. Min-naħa tiegħu l-konvenut wieġeb li t-talba tal-attur hija eċċessiva, billi l-valur tax-xogħlijiet esegwiti huwa ferm oltre l-valur fis-suq lokali għall-istess tip ta' xogħol. Eċċepixxa wkoll li t-talba tal-attur hija eċċessiva għaliex dan naqas milli jieħu in konsiderazzjoni xi pagamenti li kienu tħallsu mill-konvenut akkont. Il-konvenut qal li l-kawża saret inutilment, u għalhekk huwa m'għandux ibati l-ispejjeż ġudizzjarji, għaliex huwa dejjem wera li kien dispost li jħallas il-valur tax-xogħol skont ir-rati tas-suq lokali, imma mhux l-ammont eċċessiv mitlub mill-attur. Qal ukoll li huwa talab lill-attur diversi drabi sabiex jiġi inkarigat perit bi qbil bejn il-partijiet bl-għan li jiġi vvalutat ix-xogħol, u wara li jitnaqqsu l-pagamenti li kienu diġà saru mill-konvenut akkont, jiġi stabbilit il-bilanċ rimanenti dovut, iżda qal li l-attur ma kienx aċċetta. Il-konvenut qal li għalhekk l-attur qiegħed jipprova jarrikixxi ruħhu inġustament a skapitu tiegħu. Qal ukoll

li fit-talba tiegħu l-attur naqas milli jieħu konsiderazzjoni tal-fatt li x-xogħol kollu li qiegħed jintalab ħlas tiegħu, sar flimkien ma' u bl-għajnuna tal-konvenut.

**Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut iżda ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet imqajma minnu, u laqgħet it-talba tal-attur b'mod limitat wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidrat;*
>
> *Din hija azzjoni għall-ħlas tal-prezz ta' diversi xogħlijiet li ġew eżegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut fil-fond tal-istess konvenut ġewwa l-fond Ċensu tal-Kafè, Triq Santa Luċija, il-Belt Valletta. L-attur jikkontendi li l-konvenut, minkejja li kien wiegħdu diversi drabi li ser iħallas il-kont tax-xogħol tal-*mano d'opera *tiegħu, fis-somma ta' €9,000, baqa' ma ħallsux.*
>
> *Il-konvenut ma jiċħadx illi l-attur wettaq xogħlijiet fuq struzzjonijiet tiegħu fil-fond imsemmi, u jsostni li huwa kien dejjem dispost li jħallas lill-attur prezz raġonevoli għax-xogħol li wettaq, prezz li jieħu in konsiderazzjoni l-fatt li x-xogħol sar bl-għajnuna tiegħu stess kif ukoll ħlasijiet li diġà saru mill-attur, liema ħlasijiet ma ġewx imnaqqsin mis-somma reklamata mill-attur. Jikkontendi wkoll illi s-somma ta' €9,000 mitluba mill-attur hija eċċessiva anke għaliex il-valur tax-xogħol mitlub huwa ferm ogħla mill-valur fuq is-suq.*
>
> *Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mix-xhieda, jirriżulta li l-appalt ġie eżegwit* in toto *u ma jidhirx li l-konvenut qatt qajjem xi lmenti dwar il-kwalità tax-xogħlijiet li wettaq l-attur f'dan l-appalt. Huwa ppruvat ukoll li l-attur għarraf lill-konvenut bil-prezz tax-xogħol tiegħu, fis-somma totali ta' €9,000, u kien anke għadda l-kont bil-miktub lill-konvenut. Mhux kontestat illi ma kienx hemm ftehim minn qabel bejn il-partijiet dwar ir-rati u l-prezzijiet li kellhom ikunu applikabbli għax-xogħol imwettaq mill-attur u ma jirriżultax li saret stima preventiva tal-prezz tax-xogħol tal-*mano *d'opera tal-attur. L-attur ikkalkula l-kont tiegħu, li huwa biss tax-xogħol ta'* mano d'opera, *fuq is-sigħat tax-xogħol li kien ħadem fuq l-appalt u applika rata ta' €20 fis-siegħa. Il-materjal kien tħallas kollu mill-konvenut.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-konvenut ma jiċħadx illi kien tassew hu li bagħat lill-attur il-messaġġi li jidhru fl-iskambju esebit mill-attur (Dok. CZ2) bħala "*Kith San Pawlu"*. Hija rat dawn il-messaġġi u rat ukoll l-iskambju ta' messaġġi bejn il-partijiet esebit mill-konvenut (fn. 9 dok. A, fol. 106 u 107), u tqis illi dawn jikkonfortaw il-verżjoni tal-attur illi l-konvenut, konsapevoli tal-ammont li huwa kien qed jirreklama bħala ħlas tax-xogħol tal-*mano d'opera *tiegħu, mhux biss kien iwiegħdu konsistentement li ser iħallas il-kont, iżda kien iġiblu ħafna skużi biex idewwem il-pagament, fosthom li huwa msallab u li ser jipprova jsellef* (recte: 'jissellef'*) il-flus.*

*Fil-fatt, il-messaġġi esebiti juru illi l-konvenut kien diġà jaf sa mis-7 ta' Awwissu, 2018 (fn. 10 vide skambju ta' messaġġi esebiti mill-konvenut innifsu, Dok. A) li l-attur kien qed jitlob is-somma ta' €9,000 għax-xogħol li għamel fil-pizzeria u dan meta l-attur bagħatlu messaġġ bl-ammont fuq talba espressa li għamel il-konvenut permezz ta' messaġġ fit-2 ta' Awwissu, 2018. Għalkemm kien jaf il-prezz mitlub, ma jirriżultax li l-konvenut oġġezzjona għall-prezz indikat mill-attur. Għall-kuntrarju, f'messaġġ minnhom, mibgħut fit-18 ta' Novembru, 2018, il-konvenut assigura lill-attur li ser iħallsu: "*nispera ... [] sa Diċembru nagħlaq kollox"*. Iżda mhux hekk biss, jirriżulta illi fis-6 ta' Diċembru, 2018 il-konvenut talab lill-attur jagħmillu* "karta tax-xogħol" *biex ikun jista' jsellef* (recte: 'jissellef'*) fuqu u jirriżulta wkoll li huwa rċieva mingħand l-attur dan il-kont bil-miktub (Dok. CZ1). Imbagħad, fil-25 ta' Jannnar, 2019, iktar minn xahar wara li kien irċieva (u ffirma) l-kont b'elenku tal-prezzijiet mitluba mill-attur, il-konvenut wiegħdu li kien ser jagħlaq il-kont* "wara l-festa"*. Il-Qorti fehmet illi kien biss wara li huwa rċieva ittra legali mingħand l-avukat tal-attur li l-konvenut oġġezzjona għall-kont (fn. 11 ara messaġġ a folio 34, 6 ta' Marzu, 2019, u messaġġ a folio 37 (parti minn Dok. CZ2), flimkien mal-ittra responsiva tal-konvenut, 8 ta' April, 2019 (Dok. Ċ), fol. 109. Ara wkoll xhieda Dr Albert Zerafa 14 ta' Ottubru, 2021), iżda din l-oġġezzjoni jirriżulta li kienet limitata għall-prezz tax-xogħol tad-drenaġġ fis-somma ta' €2,500.*

*Dan kollu jikkonvinċi lill-Qorti li l-verżjoni tal-konvenut illi huwa ma kienx wieġeb għall-messaġġ tal-attur tas-7 ta' Awwissu, 2018 fejn qallu li qed jitlob €9,000 għax-xogħlijiet, għaliex* "rah esaġerat" *mhijiex attendibbli. L-esperjenza tal-ħajja tgħallem illi jekk il-konvenut tassew deherlu li l-prezz ta' €9,000 kien esaġerat, kien jieħu ħsieb jinnegozja mal-attur prezz iktar raġonevoli u dan mingħajr dewmien u f'kull każ mingħajr ma jagħti l-impressjoni li qed jaqbel mal-kont. Iżda l-provi juru illi l-konvenut naqas b'mod assolut milli jikkomunika lill-attur il-kontestazzjoni tiegħu dwar il-*quantum *reklamat, meta fiċ-ċirkostanzi ma kien hemm xejn x'iżommu milli jagħmel dan –* multo magis *meta l-attur kien għadu impjegat miegħu bħala wejter fil-bar sa Novembru 2018 u jirriżulta illi huwa baqa' jħallsu ta' dan ix-xogħol.*

*Mhux talli hekk, talli* ***minflok ma esprima b'xi mod in-nuqqas ta' qbil tiegħu dwar l-ammont mitlub, il-konvenut iffirma l-kont b'sinjal tal-aċċettazzjoni tiegħu u dam xejn inqas minn ħames xhur iwiegħed lill-attur sistematikament li ser iħallas dan il-kont****. Huwa sinifikanti l-fatt illi l-konvenut ma jiċħadx li huwa kien iffirma l-kont li kien tah l-attur, bil-lista tal-prezzijiet u t-total tal-prezz tax-xogħol, iżda jipprova jiżgiċċa l-aċċettazzjoni li ġġib magħha din il-firma billi allega fid-depożizzjoni tiegħu in kontro-eżami, illi huwa ma kienx ta kas dak il-ħin tal-prezzijiet indikati fuq il-kont. Iżda skuża bħal din mhi xejn għajr pwerili u tirrażenta l-akbar stmerrija tal-Qorti,* multo magis *meta l-konvenut minnufih wara, fil-kontro-eżami, xehed hekk: "…* kont għidt lil Clint għidtlu tini ċans għax bħalissa ma nistax inħallas il-kumplament għax inti – għax jiena xorta xtaqt inħallas lil Clint ċertu flus jiena imma mhux dak l-ammont kollu."

*Il-Qorti ma temminx lanqas illi l-ħlasijiet li rċieva l-attur bejn Lulju u Ottubru 2018, indikat fil-lista Dok. CZ3, kienu ħlasijiet akkont tax-xogħol u tal-appalt tal-pizzeria, għaliex huwa ppruvat illi dak iż-żmien l-appalt kien tlesta kollu u in segwitu għal dan, l-attur baqa' jaħdem regolarment fil-bar tal-konvenut, sa Novembru 2018. Barra minn hekk, il-konvenut naqas milli juri illi huwa kien ħallas lill-attur separatament għax-xogħol* part-time *fil-bar matul dan il-perijodu.*

*Diversament iżda, il-pagament jirriżulta li ġie mħallas lill-attur għall-ħabta ta' Ġunju 2018, fis-somma ta' €1,750. Fil-waqt li l-attur jaqbel li huwa kien irċieva dan il-pagament mingħand il-konvenut, jeskludi li dan kien pagament akkont tax-xogħlijiet appaltati. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jisħaq illi l-attur kien talbu jagħtih elfejn Euro tal-appalt peress li x-xogħol kien wasal fl-aħħar u fil-fatt kien ħallsu €1,750. (fn. 12 Kontro-eżami tal-konvenut, 14 ta' Marzu, 2022, fol. 142). Dan il-pagament jidher fl-iskambju tal-messaġġi esebiti mill-attur innifsu, fejn fis-7 ta' Jannar, 2019, il-konvenut kien diġà ssenjala lill-attur illi f'Ġunju 2018 huwa kien ħallsu s-somma ta' €1,750 iżda din ma ġietx imniżżla.*

*Hawnhekk, il-Qorti tqis li l-attur ma kienx konvinċenti meta xehed illi dan il-ħlas fis-somma ta' €1,750 kien jirrappreżenta x-xogħol li ħadem* part-time *bħala wejter fl-istabbilimentn San Paolo Naufragio. (fn. 13 ara kontro-eżami tal-attur, 4 ta' Novembru, 2020, fol. 73 u 74). Mill-provi jirriżulta li dan il-pagament ġie mitlub mill-attur innifsu f'Ġunju 2018 (fn. 14 ara sms fol. 36, parti minn Dok. CZ2) meta kien appena tlesta l-appalt u fil-fatt, kif ġie eskluż mill-attur innifsu, matul id-diversi xhur li kien qed jeżegwixxi l-appalt fil-pizzeria, huwa ma kienx qed jaħdem ukoll ix-xogħol* part-time *mal-konvenut, tal-anqas mhux fuq bażi regolari. Hemm ukoll qbil bejn il-partijiet li ġeneralment, il-konvenut kien iħallas il-paga tal-impjegati kull ġimgħa jew ġimagħtejn. F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen illi s-somma ta' €1,750 kienet dovuta lill-attur bħala paga għax-xogħol* part-time*, anke għaliex*

*mhuwiex verosimili li l-attur akkumula fuq ġimgħa jew ġimagħtejn, arretrati ta' paga bir-rata ta' €5 fis-siegħa għal xogħol* part-time *fis-somma ta' €1,750. Għaldaqtant, il-Qorti tqis li hawnhekk hija l-verżjoni tal-konvenut li għandha tingħata affidabilità u li s-somma ta' €1,750 imħallas lill-attur f'Ġunju 2018, kien jirrappreżenta tassew pagament akkont tal-appalt. Dan ifisser illi s-somma ta' €1,750 għandha tiġi mnaqqsa mill-ammont li jiġi stabbilit li huwa dovut lill-attur għall-appalt, anke billi ma jirriżultax illi fil-kont Dok. CZ1, ġie indikat li saru xi pagamenti akkont.*

*Ikkunsidrat;*

*Hemm qbil illi minkejja li l-kont Dok. CZ1 huwa datat 19 ta' Frar, 2018, dan ingħata lill-konvenut diversi xhur wara li tlestew ix-xogħlijiet fil-pizzeria. Fil-fatt, filwaqt li l-attur xehed illi Dok. CZ1 jirrappreżenta l-kont finali tax-xogħlijiet li kienu diġà tlestew u mhuwiex stima, minkejja li l-intestatura "*Quotation of Works*" il-konvenut stess afferma illi huwa kien talab dan il-kont mingħand l-attur għall-ħabta ta' Novembru 2018* "biex inġib loan biex inħallasha lil Clint". *Minn dan il-Qorti fehmet illi għalkemm id-dokument huwa effettivament il-kont finali, ġie redatt f'għamla ta' stima preventiva b'data li tirrifletti appossivament id-data meta l-attur beda jaħdem l-appalt. (fn. 15 In kontro-eżami l-attur xehed li beda x-xogħlijiet wara l-festa ta' San Pawl fi Frar 2018).*

*Kif inhu risaput, il-prinċipji bażilari tal-liġi kontrattwali jesiġu illi l-ħlas għax-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt għandu jkun kif kien miftiehem bejn il-partijiet fil-ftehim tal-appalt innifsu, iżda f'dan il-każ hemm qbil li l-partijiet ma kinux innegozjaw jew ftiehmu fuq rati u prezzijiet speċifiċi li kellhom jiġu applikati għax-xogħol eżegwit mill-attur u ma kienitx intalbet jew ingħatat xi stima preventiva tax-xogħlijiet meħtieġa. Ma kien hemm l-ebda ftehim lanqas illi x-xogħol effettivament eżegwit mill-attur jiġi stmat qabel isir il-ħlas.*

*Fin-nuqqas ta' ftehim* a priori *dwar il-prezzijiet jew rati applikabbli għall-appalt, il-Qorti taqbel illi jekk il-kommittent jidhirlu li l-prezz mitlub mill-appaltant għax-xogħol eżegwit, huma eċċessivi, jista' jesiġi li jsir aġġustament biex dawn ikunu in linea mar-rati li huma* "fair and reasonable" *u li jitħallsu fuq is-suq għax-xogħol jew materjal fiż-żmien tal-eżekuzzjoni tal-appalt. Fil-fatt, fil-każ in diżamina, il-konvenut ressaq prova permezz ta' perizja teknika magħmula mill-perit ġudizzjarju AIC Valerio Schembri, illi l-valur tal-*mano d'opera *tax-xogħlijiet kollha elenkati fil-kont maħruġ mill-attur, għandu jiġi stmat fil-prezz komplessiv ta' €4,830 eskluż il-VAT. (fn. 16 Relazzjoni ppreżenata 1 ta' Frar, 2022)*

*Iżda f'dan il-każ, kif diġà ngħad, jirriżulta illi kien hemm ftehim dwar il-prezz li kellu jitħallas lill-attur għaliex il-konvenut aċċetta l-kont maħruġ mill-attur għal dan l-*

*appalt fis-somma ta' €9,000 u dan meta, kif ammess minnu stess, huwa ffirma l-kont li kien fih mhux biss elenku tax-xogħlijiet b'indikazzjoni tal-prezz ta' kull* item, *iżda wkoll il-prezz totali fl-imsemmija somma ta' €9,000.* ***Għall-Qorti, il-firma tal-konvenut fuq dan il-kont meta evidentement kien diġà konsapevoli li l-attur kien qed jitlob il-prezz ta' €9,000 għall-appalt, ifisser li huwa ssenjala l-approvazzjoni u l-aċċettazzjoni tiegħu tal-prezz reklamat mill-attur, bla ebda riserva kwalsiasi, nonostante li dawn setgħu kienu aktar għoljin mill-prezzijiet li jitħallsu fuq is-suq. Aċċettazzjoni li ġie ukoll riaffermata diversi drabi bir-riassigurazzjoni tal-istess konvenut li kien ser iħallas l-ammont reklamat bit-tnaqqis mitlub rappreżentanti l-ħlas akkont fis-somma ta' €1,750.***

*F'dan il-kwadru ta' fatti l-Qorti tirraviża konvenzjoni espressa bejn il-partijiet għall-ħlas tax-xogħlijiet appaltati fil-prezz ta' €9,000 eskluż VAT. Dan ifisser li hawnhekk m'għandniex każ fejn m'hemmx ftehim bejn il-partijiet fuq rati u prezzijiet applikabbli għall-appalt; għalkemm huwa minnu li ma sarx ftehim qabel l-eżekuzzjoni tal-appalt, dan il-qbil intlaħaq in segwitu għat-tlestija tal-appalt permezz tal-aċċettazzjoni espressa tal-kommittent li jħallas il-prezz mitlub mill-appaltant. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-konvenut mhux biss wiegħed diversi drabi li ser iħallas il-prezz mitlub mill-attur iżda kellu wkoll kull opportunità jqabbad perit jew persuna teknika oħra biex jagħmel stima tax-xogħlijiet eżegwiti mill-attur qabel l-attur għadda biex jikkwantifika huwa stess il-prezz tax-xogħlijiet u jitlob għall-ħlas ta' din is-somma kwantifikata. Seta' wkoll il-konvenut jirrifjuta li jiffirma l-kont li ppreżentalu l-attur jew jirriserva li jiffirmah wara li jikseb stima mingħand persuna teknika. Iżda dan m'għamlux u mkien ma ġie allegat li l-konvenut kien imġiegħel jew mhedded li jiffirma dan il-kont jew li kien fi żball dwar il-kontenut tiegħu. Fil-fatt, il-Qorti ma taqbilx illi l-ilment tal-konvenut kien li ma kienx ħares lejn il-prezzijiet meta ffirma l-kont, jista' jitqies li huwa żball skużabli li jista' jinvalida l-ftehim u m'għandhiex dubju – għaliex dan jirriżulta ammess mill-konvenut fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami – li huwa kien pjenament konxju tal-fatt li kien qed jiffirma l-aċċettazzjoni tiegħu tal-kont tal-attur meta kien diġà jaf il-prezz li kien qed jintalab mill-attur. Fil-fatt, kif juru l-messaġġi esebiti, l-attur talab li jitħallas is-somma ta' €9,000 fis-7 ta' Awwissu, 2018, wara li l-konvenut kien talbu biex jagħmillu l-kont, filwaqt li mbagħad għaddielu l-kont bil-miktub għall-ħabta ta' Novembru jew Diċembru 2018.*

*Stabbilit li hemm konvenzjoni bejn l-attur u l-konvenut, din għandha tiġi osservata għaliex din hija l-espressjoni manifesta tal-volontà tal-partijiet: min-naħa l-waħda l-volontà tal-attur li jitħallas il-prezz ta' €9,000 u min-naħa l-oħra l-volontà tal-konvenut li japprova dan il-prezz. Kif inhuwa ritenut b'mod paċifiku fil-ġurisprudenza in materja, il-prinċipju fondamentali u regolamentari fil-liġi tal-kuntratti: -*

"jibqa' dejjem li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda." *(fn. 17 Qorti tal-Appell – 5 ta' Ottubru, 1998 – Gloria mart Jonathan Beacom et vs l-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines)*

*Kif ġie ritenut ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc** (fn. 18 Deċiża 7 ta' Ottubru, 2004):-*

"Dan hu konformi mal-prinċipju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, **hu preżunt li qabel ma ffirmaw dan il-ftehim qiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-interessi tagħhom, u allura darba ffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi prinċipju ieħor, ancorche bażat fuq l-ekwità. Il-prinċipju tar-rispett għall-volontà tal-partijiet huwa wieħed fundamentali u dak li ftiehmu fuqu l-partijiet għandu "forza ta' liġi" għalihom** (artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili) u l-Qorti m'għandhiex tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tissostitwixxi għal dak li ftiehmu l-partijiet il-volontà tagħha." (*enfasi ta' din il-Qorti)*

*Il-Qorti tistenna illi l-partijiet iniżżlu bil-miktub il-pattijiet kollha rilevanti li setgħu ġew negozjati quddiemhom: fil-fatt, hi presunzjoni* "loġika u ġuridika" *(fn. 19 **Aquilina noe vs Portelli**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru, 2005) li meta l-partijiet ikunu ftehmu li jinkorporaw ftehim ta' bejniethom f'kitba, huma jkunu niżżlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva dak kollu li jkunu ftiehmu fuqu. Għalhekk, fin-nuqqas ta' stipolazzjoni espressa fil-kont illi l-prezzijiet huma soġġetti għal reviżjoni jew aġġustament wara li jiġu approvati minn perit jew wara li jsir xi xorta ta' eżerċizzju ieħor, ma tistax taqbel illi l-prezzijiet approvati espressament mill-konvenut, jiġu varjati jew imnaqqsa anke jekk stima indipendenti tar-rati applikati mill-attur turi li dawn huma eċċessivi.*

*Kif diġà ngħad u f'kull każ, il-konvenut, minkejja li allega li mill-ewwel kien deherlu li l-prezz ta' €9,000 kien eċċessiv, naqas b'mod assolut li jissalvagwardja l-pożizzjoni tiegħu billi almenu jindika n-nuqqas ta' qbil tiegħu. Għall-kuntrarju, iffirma l-kont. Lanqas kiseb stima professjonali tar-rata tal-*mano d'opera *tax-xogħol effettivament eżegwit. Għalhekk, l-istima li huwa kiseb permezz tal-perizja teknika f'din il-kawża, in segwitu għas-senjalazzjoni tal-qbil tiegħu tal-prezz mitlub mill-attur, manifestat bil-firma tiegħu appena taħt it-total tal-prezz indikat u riaffermata diversi drabi f'messaġġi bil-miktub, ma tista' tkun ta' ebda fejda għalih. Il-konvenut huwa marbut bl-aċċettazzjoni tiegħu tal-prezz mitlub mill-attur.*

*Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Clive Simpson noe vs John Saliba noe** (fn. 20 Deċiża fit-22 ta' Ġunju, 2004), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk in propositu:-*

"... huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, inatteż id-diskussjonijiet u kif dawn żvolġew. **Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, ikun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun ġie diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew ġie rinunzjat** (ara **Frendo vs Caruana**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Jannar, 1999). Kwindi, fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħhom il-partijiet (ara **Brincat v. Saliba**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fl-14 ta' Novembru, 1983)." (*enfasi ta' din il-Qorti)*

*B'applikazzjoni tal-insenjament fuq ċitat, il-Qorti tqis illi l-prezzijiet applikati mill-attur fil-kont tiegħu ġew approvati mill-konvenut bla riserva u konsegwentement, il-konvenut huwa obbligat għall-ħlas ta' dak il-prezz.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti fehmet illi x-xogħlijiet elenkati fil-kont Dok. CZ1 jirrappreżentaw ix-xogħlijiet kollha li twettqu f'dan l-appalt u wara li fliet ix-xhieda, fehmet ukoll illi dawn ix-xogħlijiet twettqu mill-attur fuq medda ta' ċirka erba' xhur bejn Frar u Ġunju 2018 fejn b'mod ġenerali, kien jaħdem ġurnata sħiħa fuq is-sit ċirka sitt darbiet fil-ġimgħa. Fehmet ukoll illi x-xogħol ta'* mano d'opera *ta' Christopher Ellul, li kien ġie mqabbad jgħin fl-eżekuzzjoni ta' dan l-appalt, huwa wkoll kompriż fil-kont Dok. CZ1.*

*Fir-rigward tas-sehem tal-konvenut Keith Carabott fit-twettiq tax-xogħlijiet in diżamina, mill-kumpless tax-xhieda jirriżulta illi l-involviment tiegħu kien ristrett għal assistenza fuq bażi mhux daqstant regolari. Għalkemm bħala l-kommittent u sid il-post, il-Qorti fehmet li huwa kellu interess li jkun preżenti fuq il-post biex jagħti daqqa t'id, ma taqbilx li huwa ppruvat li l-konvenut kien eżegwixxa x-xogħlijiet huwa stess bl-għajnuna tal-attur, kif ipprova jagħti l-impressjoni fl-affidavit tiegħu. Il-Qorti ma taqbilx li  l-attur kien imqabbad biss bħala* helper *fuq dan l-appalt anke għaliex il-konvenut naqas milli juri min allura kien l-appaltant prinċipali u l-Qorti teskludi li seta' kien hu meta evidentement kien imexxi ħanut ieħor u ta' spiss kien ikun imsiefer fiż-żmien tal-eżekuzzjoni tal-appalt. Fil-fatt, mhux kontestat illi fiż-żmien tal-eżekuzzjoni tal-appalt l-attur ma kienx baqa' jaħdem* part-time *fil-ħanut l-ieħor tal-konvenut u l-istess konvenut naqas milli juri li kellu impjegati oħra li kienu jmexxu l-istabbiliment minfloku matul dan il-perijodu.*

*Ix-xhieda ta' Vincent Farrugia, xhud prodott mill-konvenut innifsu – li kien ferm evażiv fuq il-pedana u evidentement jagħmel ħiltu biex jiffavorixxi lill-konvenut - ma tagħmel xejn biex jikkonforta l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur kien biss* helper *u fi kwalsiasi każ huwa afferma, fl-aħħar mill-aħħar, illi kien l-attur li għamel ix-xogħol tad-dawl u*

*ilma u bosta mill-items elenkati fil-kont Dok. CZ (fn. 21 għalkemm jista' jkun minnu li kien Vincent Farrugia li żebagħ it-taraġ kollu tal-istabbiliment, ma jirriżultax li dan l-item jinsab fost l-items kompriżi fil-kont Dok. CZ1), filwaqt li l-konvenut "*kien ikun hemmhekk jagħti daqqa t'id*" (fn. 22 xhieda ta' Vincent Farrugia, 14 ta' Ottubru, 2021, fol. 114). Fil-fatt, Vincent Farrugia, seta' jikkonferma biss li l-konvenut kien għen iniżżel it-torba u li għamel xi xogħol fuq id-drenaġġ, is-suffett u xi tibjid.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ma taqbilx li għandu jkun hemm xi tnaqqis ulterjuri mill-prezz tax-xogħlijiet eżegwiti f'dan l-appalt minħabba l-intervent ta' terzi persuni, anke għaliex il-konvenut imkien ma allega li kien hu stess li qabbad lil Christopher Ellul fuq dan l-appalt u baqa' ma kkontestax il-verżjoni tal-istess Chrisopher Ellul illi huwa kien qallu biex jitħallas mingħand l-attur. Konsegwentement, ir-raba' eċċezzjoni qed tiġi respinta.*

*Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-attur għandu dritt għall-ħlas tas-somma ta' €9,000 minn liema somma għandu jiġi mnaqqas il-pagament akkont li sar f'Ġunju 2018 fis-somma ta' €1,750, li jfisser li l-bilanċ dovut mill-konvenut fuq dan l-appalt huwa ta' €7,250.*

*Ikkunsidrat ulterjorment;*

*Illi għalkemm l-ittra uffiċjali tal-1 ta' April, 2019, imsemmija fir-Rikors Promutur bħala interpellazzjoni li saret lill-konvenut għall-ħlas, baqgħet ma ġietx esebita, l-eżistenza tagħha u l-fatt li ġiet notifikata lill-konvenut huwa rikonoxxut u affermat mill-konvenut innifsu fl-Affidavit tiegħu kif ukoll mill-abbli avukat tiegħu, li kkonferma fix-xhieda tiegħu qal li huwa kien bagħat l-ittra responsiva li tinsab esebita fl-atti Dok. Ċ. Ittra li tagħmel referenza għall-ittra uffiċjali spedita fl-1 ta' April, 2019 b'interpellazzjoni għall-ħlas ta' somma li ġiet deskritta fl-istess risposta, bħala "*eċċessiva*". Għaldaqstant, taqbel li l-imgħaxijiet fuq is-somma dovuta lill-attur għandhom jibdew jiddekorru mill-interpellazzjoni ġudizzjarja li saret fl-1 ta' April, 2019.*

***Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu u tiċħad  il-bqija tal-eċċezzjonijiet safejn mhumiex kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' limitatament it-talba ta' Clint Zammit u tikkundanna lill-konvenut Keith Carabott sabiex iħallas lill-istess attur is-somma ta' sebat elef, mitejn u ħamsin Euro (€7,250) bl-imgħax mill-1 ta' April, 2019, id-data tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u bl-ispejjeż kif mitluba, li għandhom ukoll jitħallsu mill-konvenut."***

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mill-konvenut fis-7 ta' Marzu, 2023, dan talab lil din il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Frar, 2023 safejn din laqgħet it-tieni eċċezzjoni tiegħu, iżda tirrevokaha safejn din ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu, u għalhekk limitatament fejn laqgħet it-talba tal-appellat Clint Zammit, u kkundannat lill-appellant Keith Carabott iħallas is-somma ta' sebat elef, mitejn u ħamsin Euro (€7,250) bl-imgħax mill-1 ta' April, 2019.

6. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li bil-firma tiegħu fuq il-kwotazzjoni prodotta mill-appellat, huwa ssenjala l-approvazzjoni u l-aċċettazzjoni tiegħu għall-prezz reklamat mill-appellat, mingħajr ebda riserva u minkejja li dan seta' kien ogħla mill-prezzijiet tas-suq. Qal li l-firma tiegħu fuq din il-kwotazzjoni ma kellhiex titqies li tfisser li huwa aċċetta inekwivokabbilment l-iżbalji u n-nuqqasijiet li kien fiha din l-istima.

7. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata għaliex il-kwotazzjoni in kwistjoni ħarġet wara li kienu tlestew ix-xogħlijiet mill-appellat, u għalhekk, fin-nuqqas ta' fattura finali, il-firma tiegħu fuq il-kwotazzjoni maħruġa, ma setgħet tfisser xejn għajr it-timbru li huwa rċieva din l-istima. Qal li kwotazzjoni li tinħareġ wara li jkun tlesta x-xogħol, bl-ebda mod m'għandha tiġi kkunsidrata bħala fattura finali, speċjalment meta bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim dwar ir-rati tax-xogħlijiet qabel ma nbdew. Qal li f'dawn iċ-ċirkostanzi, għandha temerġi responsabbilità akbar fuq l-appellat li jipproduċi prova tas-sigħat li ħadem jew tar-rata tax-xogħol tiegħu għal kull siegħa, kif ukoll prova

tax-xogħol li għamel, aktar u aktar meta jirriżulta li ma saret l-ebda diskussjoni dwar il-valur tax-xogħol qabel ma ġie mwettaq. L-appellant qal li filwaqt li l-Ewwel Qorti qalet li huwa wera l-intenzjoni li jaċċetta s-somma mitluba minnu, hija ma tat l-ebda importanza għall-messaġġ tas-7 t'Awwissu, 2018, fejn l-appellant la aċċetta u lanqas ma wieġeb għat-talba tal-appellat. L-appellant qal ukoll li huwa mkien ma indika li din is-somma kienet aċċettabbli għalih, iżda qal biss li kien sejjer jissellef flus mill-bank sabiex jagħmel xi forma ta' ħlas lill-appellat. L-appellant qal li l-messaġġi telefoniċi li għaddew bejn il-partijiet wara l-ħruġ tal-kwotazzjoni, ma kellhomx jitqiesu bħala aċċettazzjoni mill-appellant tal-prezz reklamat. Qal li fil-fatt imkien ma jirriżulta li l-appellant qabel mas-somma mitluba, iżda biss mal-ħlas li huwa għadu dispost li jagħmel sakemm il-prezz ikun wieħed raġonevoli. Qal li l-evażjoni tiegħu uriet intenzjoni opposta, jiġifieri li jiġbor il-fatti qabel jieħu passi li setgħu jippreġudikaw il-ħbiberija li kellu mal-appellat.

8. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta aċċettat li l-appellat iqarraq bil-fatti u joħroġ kwotazzjoni bid-data li fiha nbdew ix-xogħlijiet, meta fil-verità d-data meta nħarġet kienet wara li kienu twettqu x-xogħlijiet mill-appellat. Qal ukoll li ma seta' qatt wieħed joħroġ stima bbażata fuq ammont ta' ħin li wieħed ikun qatta' jaħdem ġewwa fond, jekk ix-xogħol ikun għadu ma bediex. Qal li l-kwotazzjoni ma nħarġitx bħala fattura finali, u mill-provi kellu jirriżulta b'mod ċar li din inħarġet bejn żewġt iħbieb bħala turija tal-fiduċja lejn xulxin. L-appellant qal li l-eżami li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti ma kellux ikun biss dwar il-volontà tiegħu, iżda dwar il-proponibbilità, l-eżgwibbilità u l-veraċità tat-talbiet tal-appellat. L-appellant qal li huwa jħossu diżappuntat ukoll għaliex l-Ewwel Qorti, minkejja li pprovduta bi provi li jindikaw li l-valuri tal-

kwotazzjoni kienu attwalment eċċessivi, fosthom ir-rapport peritali ordnat fil-mori tal-kawża, din għażlet li ma tqishomx. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti iżda għażlet li b'permeazzjoni mal-prinċipju tal-volontà, taqbel li kien hemm somma mniżżla in eċċess, jiġifieri €1,750, u fil-fatt naqqset dan il-valur mill-kwotazzjoni, iżda imbagħad għażlet li tinjora r-rapport peritali li kien jindika li l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv. Qal li ladarba l-Ewwel Qorti għaddiet biex tippronunzja l-korrezzjoni, jew is-sottrattazzjoni ta' fattur wieħed tal-valuri b'permeazzjoni tal-prinċipju tal-volontà wara l-firma tal-appellant, din kellha wkoll tgħaddi biex tevalwa l-fatturi l-oħra bl-istess mod. L-appellant qal ukoll li huwa fl-ebda punt waqt ix-xogħlijiet ma seta' jopponi għall-valuri li ntalab iħallas għaliex ma kien sar l-ebda ftehim dwar dan minn qabel, tenut kont tar-relazzjoni fiduċjarja bejn il-partijiet. L-appellant qal li għalhekk, il-fatt li huwa ġie ppreżentat bi kwotazzjoni wara li l-appellat kien ippresta s-servizzi tiegħu, u hu ffirma fuqha, dan ma jfissirx li huwa għamel dan bi preġudizzju għal kull dritt li jikkontesta l-istess qabel tinħareġ il-fattura finali. L-appellant saħaq li ladarba ma kien hemm l-ebda termini u kundizzjonijiet stipulati fil-kwotazzjoni li permezz tagħha l-appellat illimita d-dritt tiegħu li jinnegozja s-somom mitluba, l-istess kwotazzjoni ta' xogħlijiet hija soġġetta għall-emendi qabel ma tinħareġ bħala kont, u għalhekk il-firma tiegħu fuq il-kwotazzjoni ma ċċaħħadx l-abbilità tiegħu li jikkontesta s-somma pretiża wara li jiġu evalwati ċ-ċirkostanzi kollha tax-xogħol li fuqu nħarġet il-kwotazzjoni.

9. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex l-Ewwel Qorti naqset li tieħu konjizzjoni tal-istima tal-Perit Tekniku, mingħajr ma tat raġuni dwar l-adegwatezza o meno tal-istess. Qal li l-Ewwel Qorti, b'digriet tal-14 ta' Ottubru, 2021, u fuq talba tiegħu stess, inkarigat lill-Perit Valerio Schembri bħala perit

tekniku bl-inkarigu li jieħu konjizzjoni tax-xhieda u tal-provi li tressqu mill-partijiet, inkluż billi jagħmel aċċess fuq il-post u jirrelata lill-Qorti dwar stima tar-rati tal-ħlas tax-xogħlijiet li l-appellat talab ħlas tagħhom. Qal li l-Perit Tekniku kkonkluda li l-valur tal-*mano d'opera* tax-xogħol kien ta' €4,830, eskluż il-VAT. Qal li għal xi raġuni l-Ewwel Qorti ma qalet xejn dwar din stima, iżda kkonkludiet li l-firma tal-appellant fuq il-kwotazzjoni irrendietha inutli. L-appellant staqsa għal liema raġuni l-Ewwel Qorti ħatret Perit Tekniku sabiex jeżamina l-valur tal-*mano d'opera* tal-appellat, ladarba din kienet konvinta li l-opinjoni tal-istess perit ma kienitx meritabbli. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti imkien ma qalet li l-istima tal-Perit Tekniku ma kienitx korretta, u anki qalet li kien hemm il-ħtieġa tagħha sabiex il-vertenza bejn il-partijiet setgħet tiġi riżolta.

10. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-appellat ma kienx konsistenti fix-xhieda tiegħu, u dan naqas milli jipprova konkordament il-pretensjonijiet tiegħu. Spjega li huwa prinċipju kardinali li min jeċċepixxi jew jallega kreditu, għandu d-dmir li jippruvah. Qal li l-appellat naqas diversi drabi fix-xhieda tiegħu milli jikkonstata l-pretensjoni tiegħu ma' verżjoni veritiera u konsistenti dwar xogħlijiet reżi minnu, u minkejja dan, l-Ewwel Qorti naqset milli tqis x'għandu jkun dovut lilu bħala ħlas, u minkejja li l-appellat ipprova li saru xi xogħlijiet minnu, dan ma pruvax jekk ix-xogħlijiet reżi minnu jimmeritawx is-somma pretiża minnu jew le.

11. L-appellant qal li huwa ma jistax jaqbel mal-Ewwel Qorti meta ddeċidiet li l-appellant ta l-kunsens inekwivoku tiegħu fuq il-kwotazzjoni *de quo,* iżda imbagħad irrifjutat li tagħmel eżami dwar il-kredibbilità *o meno* tal-appellat

f'dak li qiegħed jippretendi, bħallikieku ladarba ma ġiex miċħud li x-xogħol sar, l-appellat għandu jitħallas mingħajr ebda mistoqsija dwar ir-rata pretiżi minnu, minkejja dak li ntqal mill-Perit Tekniku, u provi oħra li jikkontradixxu t-talba tiegħu. L-appellant saħaq li l-appellat ma setax jipprova kif wasal għall-prezzijiet reklamati minnu, għaliex kemm permezz tad-dokumenti ppreżentati minnu, kif ukoll mix-xhieda tiegħu, ma rriżultawx il-kejl tax-xogħol li sar, il-ħinijiet li huwa qatta' jagħmel ix-xogħol, jew xi irċevuti ta' ħlasijiet oħra li qiegħed jallega li inkorra fil-kwotazzjoni tiegħu. L-appellant qal li minkejja li l-appellat qal li kellu *records* tas-sigħat kollha li ħadem, huwa ma ppreżenta l-ebda prova dwar dan, u anki xehed li ma kien kiteb xejn fid-djarju tiegħu dwar dan. L-appellant qal li l-appellat innifsu kkonferma li l-materjal kollu li ntuża, inxtara kollu mill-appellant, iżda minkejja dan, l-appellat xorta waħda ppretenda l-ħlas ta' €400 għaż-żebgħa. L-appellant qal li għandu jirriżulta li huwa ħallas komplessivament is-somma ta' €3,750 lill-appellat, u mhux €1,750, għaliex il-verżjoni tal-appellat li huwa tħallas dan l-ammont qabel ma spiċċa mix-xogħol tiegħu bħala *barman,* mhijiex attendibbli.

12. L-appellant qal li filwaqt li huwa ma jiċħadx li l-appellat kellu jitħallas għax-xogħol imwettaq minnu, fl-istess waqt iċ-ċifri kkwotati minnu saru mingħajr bażi, mingħajr dettalji ta' ħin, mingħajr irċevuta, mingħajr kejl u mingħajr rendikont, u għalhekk saru bl-addoċċ. Qal ukoll li huwa kurjuż kif l-appellat żamm rendikont tas-sigħat kollha li ħadem bħala *barman,* iżda imbagħad ma żamm l-ebda rendikont tax-xogħlijiet li għamel fil-ħanut tal-appellant. Kompla jgħid illi anki li kieku dak li xehed Vincent Farrugia ittieħed in konsiderazzjoni, jiġifieri li huwa assista lill-appellat fix-xogħol li sar, u anki li

kieku hu ta biss daqqa t'id, dan xorta waħda għandu jirriżulta f'nuqqas tanġibbli ta' perċentwali tal-valur pretiż mill-appellat.

13. L-appellant temm jgħid li fin-nuqqas ta' kredibbilità manifesta tal-appellat, l-Ewwel Qorti kellha tistrieħ fuq ir-rapport peritali, u tnaqqas is-somma ta' €3,750 mis-somma pretiża, flimkien ma' valuri kif emerġenti mill-konsiderazzjonijiet l-oħra elenkati. Qal ukoll li in vista tal-fatt li l-appellat ma wera l-ebda responsabbilità fil-provi dwar il-pretensjonijiet tiegħu, minkejja li ntalab jagħmel dan saħansitra qabel ġew istitwiti dawn il-proċeduri, u l-inkonvenjenza li dan ħoloq, inkluż billi kellu jiġi inkarigat Perit Tekniku sabiex jevalwa x-xogħol li sar, l-appellant m'għandux jinżamm responsabbli għall-ispejjeż ukoll.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

14. Fir-risposta tiegħu l-appellat wieġeb qal li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma. Qal bħala sfond li huwa kien impjegat fuq bażi *part-time* bħala *waiter* f'bar ġestit mill-appellant, fejn kien jagħmel ukoll xogħol ta' *handyman.* Qal li l-appellant kien ser jibda jiġġestixxi negozju ieħor ta' pizzeria, u kien talab lill-appellat jagħmillu xogħol ta' dawl u ilma, madum u katusi fil-fond, liema xogħol beda fi Frar tal-2018 u baqa' sejjer madwar erba' xhur. L-appellat qal li l-appellant ħallas għall-materjal kollu li ntuża, filwaqt li huwa applika rata ta' €20 fis-siegħa għall-*mano d'opera.* L-appellat qal li ma kienux saru stimi tax-xogħlijiet, iżda l-appellant kien talbu jagħmillu xogħol mill-aqwa. Hekk kif beda għaddej iż-żmien, l-appellant baqa' ma ħallasx dak dovut minnu fost diversi skużi li beda jġib. L-appellat qal li diversi xhur wara li kien lesta x-

xogħlijiet, u huwa baqa' ma tħallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-appellant fettillu jitlob karta lill-appellat, sabiex ikun jista' jieħu self mill-bank u jħallas għax-xogħol li kien għamel l-appellat. L-appellat qal li huwa lesta din il-lista li ġiet iffirmata mill-appellant bħala aċċettazzjoni tal-istess. Qal li meta l-appellant baqa' ma ħallasx, huwa istitwixxa proċeduri ġudizzjarji u bagħat ukoll ittra legali permezz tal-avukat tiegħu. Qal li l-appellant ma rreaġixxiex b'mod tajjeb għal dan, u beda jilmenta dwar l-ammonti mitluba minnu.

15. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, li l-firma tiegħu fuq id-dokument imsemmi *"Quotation of Work"* ma kellhiex titqies bħala aċċettazzjoni tal-ammont reklamat, l-appellat jgħid li dan l-iskambju bejn il-partijiet seħħ fuq talba tal-appellant wara li tlestew ix-xogħlijiet, u bl-iskop li l-appellant jgħaddi dan id-dokument lill-bank sabiex ikun jista' jissellef xi flus. Qal li għalhekk dan id-dokument kien maħsub biss sabiex finalment seta' jsir il-ħlas għax-xogħol li tlesta minnu, u dan wara ħafna delungar min-naħa tal-appellant. L-appellat qal li għalhekk l-argument li l-appellant iffirma biss għaliex irċieva l-istima, ma jagħmilx sens iżda jitfa' dawl fuq l-intenzjoni evażiva u kapriċċjuża tal-appellant, li minkejja li jaf li għandu jħallas lill-appellat tax-xogħol tiegħu, xorta waħda naqas milli jagħmel dan. L-appellat għamel riferiment għall-messaġġ skambjat bejn il-partijiet fis-7 t'Awwissu, 2018, u qal li minkejja li l-appellant jagħti x'jifhem li huwa qatt ma qal li s-somma mitluba minnu hija aċċettabbli, iżda biss li kien ser jissellef il-flus mill-bank sabiex ikun jista' jagħmel xi forma ta' ħlas lill-appellat, mill-provi prodotti għandu jirriżulta li l-intenzjoni tal-appellat kienet li jitħallas l-ammont mitlub, u mhux l-ammont li deherlu l-appellant. Hawnhekk l-appellat għamel riferiment għar-riassunt tal-fatti kif ippreżentati mill-appellant, fejn dan qal li x-xogħol sar bejn Jannar u Mejju

2018, u lejn l-aħħar ta' Mejju 2018 l-appellat kien talbu xi flus, u hu tah €1,750. L-appellant qal li fit-2 t'Awwissu, 2018 l-appellat kien talbu xi ħaġa oħra tal-flus, u talbu joħroġlu l-kont. L-appellant qal li fid-9 t'Awwissu, 2018, l-appellat kien bagħatlu SMS fejn staqsieh jekk l-ammont ta' €9,000 huwiex tajjeb għalih, u l-appellant ma kienx wieġeb għal dan il-messaġġ għaliex deherlu li l-ammont mitlub kien wieħed esaġerat. L-appellant qal ukoll li d-dokument bil-prezz tax-xogħlijiet l-appellat għaddihulu f'Novembru 2018, iżda mhux qabel bdew ix-xogħlijiet. Fit-18 ta' Novembru, 2018 l-appellant bagħat messaġġ lill-appellat fejn infurmah li kien ser jipprova jħallsu, iżda dak iż-żmien ma kellux flus biex jagħmel dan. Fis-6 ta' Diċembru, 2018, l-appellant talbu 'karta tax-xogħol' li kien sar, sabiex abbażi tagħha seta' jissellef il-flus meħtieġa. Fi Frar tal-2019 ġew skambjati messaġġi oħra bejn il-partijiet, u l-appellant kien jagħti x'jifhem li kien dispost li jħallas. L-appellat qal li l-ewwel darba li l-appellant ilmenta dwar l-ammont mitlub, kien f'Jannar tal-2019, iżda dan kien jaf bis-somma ta' €9,000 minn madwar erba' xhur qabel. Qal ukoll li l-ewwel ilment tal-appellant kien li l-appellat ma naqqasx mit-talba ammont allegatament imħallas lilu mill-prezz totali, u mhux għaliex l-appellant ma kienx qiegħed jaqbel mal-prezz mitlub. Qal li anki meta huwa bagħat ittra bl-avukat, l-appellant baqa' jgħidlu li ser iħallsu, iżda qatt ma kkontesta l-ammont. L-appellat qal illi li kieku l-appellant verament ried jikkontesta l-ammont mitlub, huwa kien jagħmel dan mill-bidu u mhux jipprova jraħħas il-prezz billi jgħid li huwa tah il-flus, jibqa' jwegħdu li ser iħallas, u jibqa' ma jħallas qatt.

16. L-appellat qal li t-tieni aggravju tal-appellant m'għandux mis-sewwa għaliex l-Ewwel Qorti tat ir-raġuni tagħha għalfejn kienet qiegħda tiskarta r-relazzjoni tal-Perit Tekniku. L-appellat qal li r-rapport perizjali jikkostitwixxi

prova ta' fatt, li l-Qorti tista' tiskarta. Qal li l-Qorti skartat ir-rapport tal-Perit Tekniku mhux b'kapriċċ, iżda għaliex id-dokument immarkat CZ1 inftiehem mill-Qorti bħala l-uniku ftehim li sar bejn il-partijiet, u li għandu jorbot. Qal li għalhekk huwa irrilevanti li wara li ġiet iffirmata l-iskrittura, l-appellant iddeċieda li jilmenta dwar l-ammont, anki jekk il-Perit Tekniku stabbilixxa rati aktar baxxi u aktar vantaġġużi għall-appellant innifsu, u dan għaliex il-vinkolu kuntrattwali bejn il-partijiet għandu jiġi rispettat.

17. L-appellat qal li t-tielet aggravju mressaq mill-appellant huwa kontinwazzjoni tat-tieni aggravju tiegħu, fejn l-appellant kompla jsostni li l-mod kif l-appellat wasal għall-valuri u l-istima mitluba minnu, ma kienux jirriflettu l-kejl, il-ħin, u fatturi rilevanti oħra. Qal li dan l-aggravju wkoll għandu jiġi respint, u dan għaliex il-kontestazzjoni tal-appellant kellha ssir meta huwa ġie ffaċċjat bil-kont għall-ewwel darba, u mhux meta beda jipprova jiżgiċċa li jħallas waqt il-kawża. L-appellat qal li f'każ li l-appellant kellu xi dubju dwar tali ammont jew ma kienx ċert minnu, dan kellu jirrifjuta li jiffirma mill-ewwel, u mhux jiffirma u imbagħad wara jikkontesta l-ammont pretiż.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

18. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellat.

*L-Ewwel Aggravju*

19. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-firma tiegħu fuq il-kwotazzjoni li għaddielu l-appellat, tammonta għal aċċettazzjoni tal-prezz mitlub, mingħajr ebda riserva, anki jekk jirriżulta li l-prezz mitlub kien ogħla mir-rati tas-suq. Qal li din il-kwotazzjoni ngħatatlu wara li l-appellat kien lesta x-xogħol, u l-firma tiegħu fuq dan id-dokument tindika biss li huwa rċieva l-istima mingħand l-appellat, u xejn aktar. L-appellant qal li din mhijiex fattura finali, kif qisitha l-Ewwel Qorti u fi kwalunkwe każ l-appellant kien obbligat iġib prova tax-xogħol li għamel bir-rata stabbilita għal kull siegħa ta' xogħol. Qal li huwa baqa' ma weġibx għall-messaġġ mibgħut lilu mill-appellat fis-7 t'Awwissu, 2018, u dan għaliex l-ammont mitlub ma kienx aċċettabbli għalih, u huwa fl-ebda waqt ma qal li l-ammont mitlub kien aċċettabbli għalih.

20. Il-Qorti tirrileva li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-firma tal-appellant fuq il-kwotazzjoni li ppreżentalu l-appellat, ġiet mgħoddija lilu wara li l-appellant kien ġie mgħarraf bil-pretensjoni tal-appellat minn diversi xhur qabel. Fil-fatt mill-atti jirriżulta li kien hemm messaġġ telefoniku fejn l-appellat staqsa jekk il-prezz ta' €9,000 għall-*mano d'opera* pprestata minnu kienx aċċettabbli għall-appellant, u l-appellant fl-ebda waqt ma indika li ma kienx qiegħed jaqbel ma' dan l-ammont. Wara diversi xhur li matulhom l-appellat kien anki jaħdem fil-bar tal-appellant, l-appellant talab lill-appellat jgħaddilu *'karta'* bil-pretensjoni tal-ħlas, wara li infurmah li kien ser jieħu self mill-bank biex ikun jista' jħallsu. Kien f'dan il-kuntest li l-appellat ħareġ id-dokument li ssejjaħlu *'kwotazzjoni',* iżda li fil-verità m'huwa kwotazzjoni xejn. *'Kwotazzjoni'* tinħareġ fi stadju meta x-xogħol ikun għadu ma sarx, ħafna drabi meta l-appalt ikun

għadu ma ngħatax, u l-konswetudni hija li l-prezz maqbul fuq *'kwotazzjoni'* jista' jvarja entro l-perċentwali stabbiliti fil-liġi. Il-Qorti tqis li huwa ċar li l-ammont pretiż mill-appellat huwa l-prezz finali li huwa qiegħed jippretendi għax-xogħlijiet li għamel, u d-dokument ma fih l-ebda kwotazzjoni li kien għad trid issir diskussjoni dwarha bejn il-partijiet. Mill-atti jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti ma qisitx biss il-firma fuq id-dokument sabiex waslet għall-konklużjoni tagħha, iżda qieset li l-appellant fl-ebda waqt, minn meta ġie mgħarraf bl-ammont pretiż, ma ndika li ma kienx qiegħed jaqbel mat-talba tal-appellat, iżda dejjem baqa' jittamah li kien ser iħallsu, anki meta qallu li ma kellux likwidità, u li kien beħsiebu jissellef xi flus mill-bank biex ikun jista' jħallsu. Kienet l-imġiba tal-appellant li wasslet lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni li dan kien ikkommetta ruħu li jħallas, u kien biss wara li rċieva l-ittra legali mingħand l-appellat, li beda jikkontesta l-ammont mitlub. Dan meta x-xogħol kien ilu diversi xhur li tlesta, kif jixhdu l-messaġġi skambjati bejn il-partijiet.

21. Mill-provi jirriżulta li l-appellant dejjem żamm lura milli juri nuqqas ta' qbil mal-ammont mitlub mill-appellat, inkluż meta naqas milli jwieġeb għall-SMS tas-7 t'Awwissu, 2018, fejn l-appellat staqsieh jekk l-ammont ta' €9,000 huwiex tajjeb għalih. Il-loġika tiddetta li meta persuna ma tweġibx għad-domanda dwar jekk l-ammont mitlub huwiex tajjeb għalih, u wara ftit ġimgħat iwieġeb li kien lest jieħu self mill-bank sabiex ikun jista' jħallsu, il-konklużjoni għandha tkun li l-ammont mitlub ġie aċċettat. Fil-każ in eżami mhux biss il-firma fuq il-karta kienet tammonta għall-aċċettazzjoni tal-ammont mitlub, imma anki l-fatti kif seħħew, u l-imġiba tal-appellant tul il-kwistjoni kollha.

22. L-appellant jgħid ukoll li l-appellat naqas milli jġib prova tax-xogħlijiet li huwa għamel, u tar-rata li ppretenda li jitħallas biha. Il-Qorti tqis li dan mhuwiex minnu għaliex l-appellat indika li kien qiegħed jippretendi ħlas bir-rata ta' €20 fis-siegħa għall-*mano d'opera* tiegħu, filwaqt li ammetta li l-materjali li ntużaw għax-xogħlijiet inkwistjoni kienu nxtraw mill-appellant innifsu. L-evażjoni tal-appellant milli jħallas l-ammont mitlub, ċertament li lanqas ma tista' tiġi interpretata bħala nuqqas ta' qbil mat-talba, partikolarment meta huwa fl-ebda waqt ma esprima ruħhu f'dan is-sens.

23. L-appellant sostna wkoll li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta aċċettat kwotazzjoni li kellha data meta x-xogħol kien ġjà tlesta. Dan huwa argument kemmxejn fazzjuż, għaliex id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija fis-sens li d-dokument CZ1 esebit in atti m'huwa kwotazzjoni xejn, iżda għandu aktar min-natura ta' fattura finali, speċjalment ladarba x-xogħol kien tlesta meta ġiet ippreżentata din il-kwotazzjoni. L-appellant saħaq li l-fatt li huwa ffirma d-dokument, ma kellux jippreġudika d-dritt tiegħu li jikkontesta t-talba li saret mill-appellat. Iżda din il-linja ta' argumentazzjoni wkoll hija waħda żbaljata, għaliex ma kienitx biss il-firma tiegħu fuq id-dokument li wasslet lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni li kien hemm aċċettazzjoni tiegħu, iżda l-fatt li kien hemm sensiela ta' skambji telefoniċi, u messaġġi oħra li bagħat l-appellant, fejn informa lill-appellat li kellu bżonn *'karta'* bl-ammont pretiż sabiex ikun jista' jieħu self mill-bank, li lkoll isaħħu l-fehma tal-Ewwel Qorti li l-appellant kien dejjem lest li jħallas dak li ntalab iħallas. Huwa biss issa li qiegħed jgħid li huwa kien lest li jħallas dak dovut minnu, imma sakemm il-prezz ma jkunx wieħed esaġerat. L-appellant qajla qiegħed f'pożizzjoni li jiddetta lil min ipprestalu servizz jekk il-prezz li huwa ntalab iħallas huwiex esaġerat jew le, u huwa seta'

jekk ried jevita dawn il-proċeduri u l-ispejjeż li ġabu magħhom, juri n-nuqqas ta' qbil mal-ammont pretiż mill-ewwel, jew jagħmel dak li jsir fil-parti l-kbira ta' tranżazzjonijiet ta' dan it-tip, u jiftiehem dwar l-ammont minn qabel ma jsiru x-xogħlijiet. Matul ix-xhieda tiegħu, l-appellant kemm-il darba qal li kien ikun fuq il-post fejn saru x-xogħlijiet, u li xi drabi kien ikun hemm qabel ma jasal l-appellat. Għalhekk l-appellant seta' jżomm rendikont hu tas-sigħat li nħadmu mill-appellat, anki sabiex ikun jista' jivverifika t-talba li saritlu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu..

*<u>It-Tieni Aggravju</u>*

24. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll għaliex ma ħaditx konjizzjoni tar-rapport li sar mill-Perit Tekniku, u dan mingħajr ma tat raġuni valida. L-appellant staqsa għal liema raġuni l-Ewwel Qorti inkarigat Perit Tekniku sabiex jirrelata dwar il-valur tal-*mano d'opera* tal-appellat, ladarba l-konklużjoni tagħha kienet ser tkun li hija l-kwotazzjoni li ffirma l-appellant li tħoll u torbot.

25. Il-Qorti tirrileva li minn qari tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, għandu jirriżulta li hija warrbet ir-rapport tal-Perit Tekniku għaliex qieset li kien hemm vinkolu kuntrattwali bejn il-partijiet li għandu jiġi rispettat, u l-appellant huwa marbut bl-aċċettazzjoni tiegħu tal-ammont. Il-Qorti tirrileva li l-appellant mhuwiex ikun leali lejn l-Ewwel Qorti meta jibqa' jinsisti li din ikkonkludiet li huwa qabel mal-ħlas mitlub sempliċiment għaliex ffirma fuq id-dokument li għaddielu l-appellat, iżda kien hemm l-imġiba tal-appellant u indizji oħra li kienu

juru l-intenzjoni tiegħu li jħallas l-ammont mitlub. Fuq kollox ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellant milli jinkariga perit tal-għażla tiegħu sabiex jiggwidah dwar jekk il-ammont mitlub mill-appellat kienx raġonevoli jew le, u hemmhekk seta' jindika n-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-ammont mitlub. Minflok l-appellant ħalla ż-żmien jgħaddi, sal-punt li l-appellat ma kellu l-ebda għażla oħra għajr li jistitwixxi dawn il-proċeduri fil-konfront tiegħu, u bħala linja difensjonali l-appellant qal li t-talba tal-appellat hija waħda esaġerata. Din il-linja difensjonali però ma tikkombaċjax mal-imġiba tiegħu tul ix-xhur li matulhom l-appellat kien qiegħed jipprova jiġbor flusu qabel fetaħ il-proċeduri odjerni.

26. Il-Qorti tfakkar li l-Ewwel Qorti ma kienitx obbligata li taċċetta l-istima li wasal għaliha l-Perit Tekniku kontra l-konvinċiment tagħha stess. L-Ewwel Qorti kienet konvinta li l-appellant kien qabel mal-ammont pretiż mill-appellat u kien indika li kien dispost li jħallas dak l-ammont. Ma jistax jingħad għalhekk li l-Ewwel Qorti warrbet b'mod leġġer dak li rrelata dwaru l-Perit Tekniku, imma għaliex kien hemm raġunijiet serji biżżejjed li jimmeritaw li dak ir-rapport jitwarrab, u minflok jiġi applikat il-prinċipju li għandu jiġi onorat il-vinkolu kuntrattwali ta' bejn il-partijiet. Għaldaqstant in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu.

*__It-Tielet Aggravju__*

27. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qal li kien hemm nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda mogħtija mill-appellat. Qal li l-appellat ma weriex li

kien jimmeritah dak il-ħlas, u lanqas ma ġab prova tax-xogħol li sar minnu jew tal-ħin li qatta' fuq ix-xogħol.

28. Hawnhekk ukoll il-Qorti ssib li l-appellat kien għamilha ċara mal-appellant li r-rata fis-siegħa għall-*mano d'opera* tiegħu kellha tkun ta' €20. L-appellant seta' faċilment jiddetermina jekk l-appellat kienx qiegħed jippretendi ħlas għal sigħat li ma nħadmux, tenut kont li f'parti mix-xhieda tiegħu qal li huwa kien jasal fuq is-sit qabel l-appellat sabiex huwa wkoll jagħmel xi xogħol. Dan ifisser li l-appellant ma kellux għalfejn jistenna li jinbdew dawn il-proċeduri sabiex juri n-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-ammont mitlub mill-appellat, iżda seta' indika ferm qabel li huwa ma kienx dispost li jħallas l-ammont mitlub. Minflok l-appellant indika li kien ser iħallas l-ammont kollu mitlub, inkluż, f'każ li tinqala' l-ħtieġa, billi jieħu self mill-bank sabiex ikun jista' jagħmel dan. Il-Qorti tirrileva għalhekk li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li l-appellat irnexxielu jipprova l-pretensjoni tiegħu, u li l-ammont pretiż mill-appellat, għajr għas-somma ta' €1,750 diġà mħallsa, irid jitħallas kollu. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li minkejja li l-appellant jargumenta li kien hemm somom ulterjuri li huwa ħallas lill-appellat, ġie ppruvat li dawn il-flus tħallsu lill-appellat in konnessjoni max-xogħol li kien jagħmel bħala *part-time barman* fi stabbiliment ieħor tal-appellant, u mhux għall-*mano d'opera* fil-pizzeria in kwistjoni. Fi kwalunkwe każ, jibqa' l-fatt li l-appellant qatt ma qajjem l-punt li l-ammont reklamat mill-appellat mhuwiex dovut, jew li l-ammont huwa wieħed eċċessiv, anzi għall-kuntrarju dejjem indika li kien ser jara kif jagħmel biex iħallas. Dan jindika li huwa kien sodisfatt kemm bil-kwalità kif ukoll bl-ammont ta' xogħol li sar fil-fond tiegħu. Fil-fatt l-appellant fl-ebda waqt ma talab lill-appellat jipprovdilu fattura dettaljata b'kull biċċa xogħol li saret minnu, iżda talbu biss *"biċċa karta"*

sabiex ikun jista' jieħu self mill-bank, u dan jikkonferma li kien kommess li jħallas. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu wkoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-aggravji sollevati mill-appellant, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**